MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 42/1983/1

Joseph Pitre'

vs

Teddy Rapa

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi l-attur biegħ u kkonsenja lill-konvenut kwantita' ta' irħam.

Illi l-konvenut għad fadallu jħallas bħala bilanċ tal-prezz tal-istess irħam is-somma ta' Lm 733.27.0 inkluż l-imgħax sal-1 ta' Gunju 1983.

Illi interpellat li jħallas il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-attur il-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċioe' bid-dispensa tas-smiegħ.

2. Tikkundannah iħallas is-somma ta' Lm733.27,0 lill-attur kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi kwantu għal LM556.09.0, bilanċ mill-kapital, kwantu għal Lm177.18,0 imgħax ta' 8% kalkolat a scaletta sal-1 ta' Ġunju, 1983.

Bl-imgħax ulterjurki mit-2 ta' Ġunju 1983 sad-data tal-pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Mejju, 1983 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-attur qatt ma jista' jippretendi u jesiġi xi dritt għal ħlas fuq konsenja li kien fiha ħafna difetti fil-fattura tagħha u li huwa dejjem wiegħed u saħansitra obbliga ruħu li sejjer jieħu parti minnha lura.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Novembru 1983 fejn innominat lill-mibki avukat Dottor Michael Grech bħala perit legali biex jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi l-attur ma jistax jippretendi prezz ta’ bejgħ meta l-istess bejgħ ġie dikjarat xolt mill-istess partijiet u għalhekk l-azzjoni kompetenti lill-attur, se mai, kellha tkun oħra, pero’ żgur mhux il-preżenti.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet u konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali ppreżentata fis-17 ta' Gunju 1994 u minnu maħlufa fl-istess ġurnata.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 1995 fejn innominat lill-avukati Dottor Grazio Mercieca u Dottor Mario Scerri u lil Louis Camilleri bħala periti addizzjonali.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu 1998 fejn Dottor Grazio Mercieca ġie sostitwit bl-avukat Dottor Chris Said bħala wieħed mill-periti addizzjonali.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2008 fejn irrevokat l-inkarigu tal-periti addizzjonali.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.
Rat il-verbal tagħha tal-11 ta’ April 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u dokumenti oħra ppreżentati.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din iċ-ċitazzjoni l-attur qed jitlob mingħand il-konvenut il-ħlas tal-bilanċ minn prezz akbar dovut għall-bejgħ u konsenja ta' partita irħam, inkluż fl-ammont mitlub l-imgħaxijiet *a scaletta* sa l-1 ta' Gunju 1983; bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut qed jikkontesta t-talba għar-raġuni illi parti minn din il-konsenja kienet difettuża, kif ukoll għaliex il-bejgħ kien ġie xolt u għalhekk l-azzjoni preżenti ma kienitx tikkompeti lill-attur.

Ġara illi għall-bidu ta' Lulju 1981 il-konvenut kien mar jara xi irħam tat-tip Perlato Royal għand l-attur li kien impurtatur ta' l-irħam u ordna tlieta u tletin folja li ġew debitament konsenjati xi jumejn wara. Il-prezz globali kien ta' Lm2294.98 li dwaru ma hemm ebda kontestazzjoni.[1] Sar pagament akkont ta' Lm1238.90 fil-11 ta' Novembru 1981.[2] Imma wara li ntbagħat li *statement* ta' l-14 ta' Gunju 1983,[3] l-konvenut ċempel lill-attur biex jilmenta illi fil-folji li kien għadu ma ħadimx tfaċċaw xi tbajja tas-sadid u għalhekk talbu joħodomlu lura. L-attur ġie jara f'hiex kienu jikkonsistu dawn l-ilmenti tal-konvenut, u minkejja li ma aċċettax li kienu difettużi, ntlaħaq ftehim li jinsab xerrej ieħor li jkun jista' jieħu l-erbatax-il folja li kien għad baqa' għand il-konvenut. Dan ix-xerrej instab Għawdex stess fil-persuna ta' Salvu Ellis tad-ditta A.F. Ellis li kienet ukoll taħdem fl-istess negozju ta' l-irħam. Dan mar jara l-folji in kwistjoni, flimkien ma' l-attur, u aċċetta li jixtrihom hu. Il-konvenut kellu jħallas biss il-bilanċ li kien għadu dovut fuq il-folji l-oħra li kien laħaq ħadem. Billi pero' għadda ċertu żmien u għal raġuni jew oħra l-konsenja baqgħet qatt ma saret, l-attur spiċċa biex bagħat ittra nterpellatorja lill-konvenut, fejn intimah li l-ftehim ma kienx għadu jgħodd u għalhekk kien jippretendi li l-konvenut iħallas il-bilanċ kollu.[4] Il-konvenut irrifjuta li jagħmel dan il-ħlas u għalhekk saret din il-kawża.

Dwar l-eċċezzjoni tad-difett latenti l-Qorti taqbel perfettament mal-perit legali fis-sens illi "*l-kwistjoni ta' difetti latenti ma tistax titqanqal per via di eccezzione u jinħtieg ċitazzjoni ad hoc.*" [5]

---

[1] Dok. B anness maċ-ċitazzjoni .
[2] ibid.
[3] ibid..
[4] Dok. P1: kopja ta' ittra datata t-30.5.1983 .
[5] ara para. 40 tar-relazzjoni; ara wkoll : Joseph Cassar Aveta noe. vs Joseph Gatt et. Appell Superjuri : 4.12.1998 kollez. vol. LXXXII. pt. II. pag. 1281 .

Dwar il-kwistjoni l-oħra jekk kienx ġie xolt il-bejgħ bi ftehim ġdid l-istess perit legali qal illi:

"*L-esponent … jħoss li hija iktar kredibbli t-teżi tal-attur. Wieħed kien jistenna li kieku verament il-konvenut aċċetta li jikkonsenja lura l-irħam lill-attur dan kellu jagħmel ħiltu sabiex issir l-konsenja (u) jiġi konkluż in-negozju. Minnflok il-konvenut ma ħa ebda inizjattiva u baqa' jittrattjeni minn jum għall-ieħor. Wieħed kien jistenna li hekk kif il-konvenut rċieva l-ittra tal-attur fejn għarfu li kien qiegħed jirtira l-offerta tiegħu, dan kien ser jieħu immedjatament xi azzjoni u anki jiddepożita l-irħam taħt l-awtorita' tal-qorti sabiex jeħles minn kull responsabilita'. L-inqas ma sar dan fil-kors ta' din il-kawża. Dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhud Salvu Ellis, ix-xerrej prospettiv, li fil-kors tal-kawża stqarr li sa dakinnhar kien għadu dispost jakkwista l-irħam in kwistjoni*." [6]

Bir-rispett kollu pero' il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni peritali. Dan għaliex Salvu Ellis ma qalx biss li kien dispost li jakkwista l-irħam li kien baqa' għand il-konvenut, imma qal speċifikament " *Dan l-irħam jiena aċċettajt li nixtrih, **u ċioe' xtrajtu**.*" [7] Dan ma jistax ifisser ħlief illi n-negozju l-ġdid kien tassew sar u li għalhekk Salvu Ellis kien akkwista l-irħam in kwistjoni. Biex ikun hemm bejgħ irid ikun hemm ftehim fuq l-oġġett u l-prezz.[8] L-oġġett (l-irħam in kwistjoni) Ellis mar jarah flimkien ma' l-attur, u qal b'mod inekwivoku li aċċetta li jieħdu, kellu u ma kellux difetti. Il-prezz kien ġie wkoll miftiehem, għax billi kien ukoll klijent regolari ta' l-attur, kien jaf li dan kien qed imur bil-prezz kurrenti li ma kien hemm ebda kwistjoni fuqu .[9] Ma kellu ebda dritt għalhekk l-attur, ġialadarba l-bejgħ kien laħaq sar lil Ellis, jaqbad u jibgħat l-ittra msemmija lill-konvenut, fejn intimah illi l-ftehim li kien sar spiċċa. Jekk għal xi raġuni jew oħra l-konsenja ta' dan l-irħam lix-xerrej il-ġdid baqgħet ma saritx għal ċertu żmien, kien jispetta lil dan ta' l-aħħar li jagħmel l-almu tiegħu biex

---

[6] ara rapport peritali para 39 a fol. 79 – 80 .
[7] ara depożizzjoni tax-xhud Salvu Ellis a fol. 94; enfasi tal-Qorti .
[8] art. 1346 tal-kap. 16 .
[9] ara l-istess xhieda tiegħu .

jiġbor l-istess irħam, li issa kien sar tiegħu, mingħand il-konvenut. Imma l-konvenut ma kienx baqa' responsabbli iżjed lejn l-attur, ħlief għall-ħlas tal-bilanċ li kien għadu dovut fuq il-folji li kienu ġia nħadmu.

Skond il-kejl u kalkoli li saru mill-istess konvenut u li qatt ma ġew ikkontestati, l-prezz tal-folji li baqgħu għandu, bbażat fuq il-kejl komplessiv tagħhom ta' seba' u erbgħin punt wieħed disgħa metri kwadri (47.19m.k.) kien ta' erba' mija wieħed u tletin lira maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu. (Lm431.95). B'hekk jiġi illi mill-bilanċ ta' Lm591.77 li, skond li statement ta' l-14 ta' Gunju 1983,[10] kien għadu dovut, irid jitnaqqas dan l-ammont, biex jiġi li l-bilanċ realment dovut ikun ta' Lm159.82.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu u tiddkjara illi l-bejgħ ta' l-erbatax (14) il-folja li kien fadal għand il-konvenut, kien ġie xolt. Għaldaqstant tilqa' biss *in parte* t-talba ta' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' mija u disgħa u ħamsin lira maltija u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm159.82) pari llum għal tliet mija tnejn u sebgħin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (EUR372.38), rapreżentanti l-bilanċ dovut minnu għall-folji ta' l-irħam mixtrija mingħand l-attur u li laħaq ħadem, inkluż l-interessi relattivi *a scaletta* sa' l-ewwel ta' Gunju 1983.

Bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi jitħallsu kwantu għal kwart (1/4) mill-konvenut u tliet kwarti (3/4) mill-attur innifsu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[10] Dok. B a fol. 8 .